MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

## ONOR. IMHALLEF
## PHILIP SCIBERRAS

Seduta ta' l-1 ta' Marzu, 2006

Appell Civili Numru. 4/2005

**Antoinette Grioli**

**vs**

**Direttur tas-Sigurta` Socjali**

**Il-Qorti,**

Fl-4 ta' Mejju, 2005, l-Arbitru ppronunzja s-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

"Il-Bord,

Semghet lill-appellanti li spjegat ic-cirkostanzi relativi, inkluzi dawk ta' meta sar il-kuntratt ta' l-4 ta' Marzu 2004; semghet ukoll lir-rapprezentant tad-Dipartiment tas-Sigurta` Socjali.

Ikkonsidrat li skond l-imsemmi kuntratt il-mezzewgin Grioli flimkien bieghu l-fond fejn kienu jghixu u minbarra s-

somma ta’ Lm4,000 li kienet gia` thallset, ircevew is-somma ta’ Lm20,000 u fil-fatt hallew ricevuta ghal din is-somma.

Ikkonsidrat li l-appellanti rriferiet ukoll ghal *garage* li nbiegh minn zewgha, u dan wara l-bejgh ta’ l-imsemmija dar matrimonjali.

Fid-dawl tal-fatti u dokumenti li tressqu quddiem l-Arbitru, tichad l-appell.”

Ir-rikorrenti Antoinette Grioli appellat kontra din is-sentenza ta’ l-Arbitru bl-aggravju li r-ragonament u l-konkluzjoni tieghu kienet ibbazata fuq presunzjoni zbaljata. Dan ghaliex skond l-appellanti l-fondi rikavati mill-bejgh tad-dar matrimonjali servew biex jiskontaw id-dejn li kien jezisti;

Ri-epilogati fil-qosor il-fatti kienu dawn:-

(1) L-appellanti applikat ghall-assistenza socjali minghand id-Dipartiment tas-Sigurta` Socjali ghal motiv li ma kellhiex il-mezzi biex tmantni lilha nnifisha;

(2) Din l-applikazzjoni taghha gie mistharrga mid-Dipartiment koncernat u sussegwentement michuda fuq il-bazi li l-valur kapitali tal-proprjeta` tal-membri kollha tal-familja ta’ applikanta kien aktar minn sitt elef lira (Lm6000);

(3) Mill-inkartament tal-kaz jirrizulta illi b’ kuntratt ta’ l-4 ta’ Marzu 2004 l-appellanti u zewgha bieghu l-fond matrimonjali li minnu l-appellanti kellha frazzjoni devoluta lilha mis-successjoni ta’ missierha. Jidher li l-introjtu minn dan il-bejgh gie applikat biex jaghmel tajjeb ghad-djun li kellha s-socjeta` L.V. Trading Company Limited (ara dokumenti minn fol. 13 sa fol. 16) mal-Bank of Valletta;

(4) Bhala dejn, il-komunjoni ta’ l-akkwisti jidher li kienet debitrici versu l-Lombard Bank fis-somma ta’ erbat

elef disa' mija u tnejn u disghin lira (Lm4992). Ara Statement ta' dan il-Bank a fol. 34;

(5) Mill-Minuta tas-seduta ta' l-4 ta' Mejju 2005 (fol. 10) jinghad illi zewg l-appellanti kien biegh garaxx ukoll. Ir-rikavat minn dan in-negozju ma giex dikjarat;

(6) Jirrizulta finalment illi l-appellanti u zewgha jinsabu fi proceduri ta' separazzjoni;

Stabbiliti dawn il-fatti, jokkorri qabel xejn li jigu replikati il-kunsiderazzjonijiet gja zvolti minn din il-Qorti f' bosta decizjonijiet taghha fuq materji li jaqghu fil-parametri tal-ligi dwar is-Sigurta` Socjali, jigifieri:-

(1) Jaggrava fuq l-applikanti li tiggustifika l-esigenza taghha li tinghata xi wahda mill-ghajnuniet prevvisti mill-Kapitolu 318. Jekk din il-prova ma taghmiliex fl-effikacja kollha taghha dan jittraduci ruhu fi zvantagg ghaliha in kwantu jitqies li hi naqset li tipprovdi dik ic-certazza tad-dritt pretiz minnha ghall-konvinciment ta' min irid jinvestiga u jiddeciedi dwar it-talba taghha;

(2) Jikkompeti mil-ligi lid-Direttur li japprezza fl-ewwel lok dik il-prova u, bl-uzu tad-diskrezzjoni moghtija lilu, jiddetermina jekk it-talba ghall-ghajnuna kienetx ragonevoli u sorretta mil-ligi. Naturalment, dik id-diskrezzjoni ma hijiex wahda assoluta tant li hi soggetta ghas-sindakar ta' l-Arbitru fl-istharrig gudizzjarju tieghu;

(3) F' dan l-istharrig hu fakoltizzat lill-Arbitru li jissostitwixxi dik id-diskrezzjoni tad-Direttur b' dik tieghu jekk isib, bl-adoperu tal-"principji tal-gustizzja u ekwita`" li jippreciza l-Artikolu 108 (9) tal-Kapitolu 318, illi l-kaz hekk jimmerita;

(4) Sta mbaghad ghal din il-Qorti fl-appell interpost lilha li tissindika l-atti diskrezzjonali ta' l-Arbitru. Dan fis-sens li, kif jinghad fid-decizjoni fl-ismijiet "**Neg. Ugo Pace *et* -vs- Prof. Joseph Anastasi Pace *nomine***", Qorti Civili, Prim' Awla, 1 ta' Mejju 1946, jigi accertat "jekk

dawk l-atti humiex legali, jekk gewx osservati l-proceduri mehtiega, u jekk l-ezercizzju ta’ dik id-diskrezzjoni kienx ‘*fair and honest*’”;

Fuq l-ezami taghha ta’ l-atti, u l-attendibilita` tal-provi hi l-fehma konsiderata ta’ din il-Qorti illi ma ssibx raguni biex tikkonkludi xort’ ohra minn dak deciz mill-Arbitru. Biex ma tigix pero` kkritikata li affrontat l-aggravju interpost quddiemha b’ mod legger din il-Qorti tidentifika dawn il-kunsiderazzjonijiet li jsegwu:-

(1) Huwa fatt inkontestat illi l-appellanti kienet, bhala konsorti f’ regim ta’ komunjoni ta’ l-akkwisti, il-beneficcjarja tas-sehem lilha hekk spettanti mir-rikavat tal-bejgh tal-fond matrimonjali. Id-dejn li kien jaggrava din il-komunjoni kien inferjuri mill-import ta’ sehemha realizzat minn dak il-bejgh. Dan kif sew dokumentat fil-kalkolu tad-Dipartiment a fol. 36;

(2) Jekk l-appellanti accettat volontarjament li r-rikavat, kompriz sehemha, ghandu jaghmel tajjeb ghad-debiti tal-kumpanija gestita minn zewgha dik kienet decizjoni unilaterali taghha. Imma ma tistax tippretendi, ghal dik ir-raguni jew pretest, li ghandha tiehu vantagg minn fondi socjali intizi ghad-distribuzzjoni xierqa fost min verament u fil-konkret ikun intitolat jibbenefika minnhom;

(3) Sewwa apprezza u ddecieda l-Arbitru illi fic-cirkustanzi li kellu quddiemu l-appellanti ma kienx jisthoqqilha akkoljiment tat-talba taghha. Dan kemm fuq il-bazi tal-fatti kif ukoll skond l-ispirtu tal-ligi.

Ghal dawn il-motivi u fis-sens tal-konsiderazzjonijiet premessi l-Qorti tiddeciedi billi tichad l-appell domandanti r-revoka tad-decizjoni ta’ l-Arbitru u tghaddi biex tikkonferma l-istess decizjoni. Kif inhu konswet f’ kazijiet bhal dawn l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------